



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13960/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0367(BUD)**

FIN 1027

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 530 final
Suġġett:	Proposta għal ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru4 TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2023 Tnaqqis fl-approrjazzjonijiet ta' pagament Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 530 final.

Mehmuż: COM(2023) 530 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.10.2023
COM(2023) 530 final

2023/0367 (BUD)

Proposta għal

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru4
TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2023**

**Tnaqqis fl-approrjazzjonijiet ta' pagament
Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)², u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif adottat fit-23 ta' Novembru 2022³,
- baġit emendatorju Nru 1/2023⁴, adottat fit-13 ta' Ġunju 2023,
- baġit emendatorju Nru 2/2023⁵, adottat fl-11 ta' Lulju 2023,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2023⁶, adottat fit-3 ta' Lulju 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4 għall-baġit 2023.

BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u tan-nefqa u għat-taqsimi individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

³ ĠU L 58, 22.2.2023.

⁴ ĠU L 189, 27.7.2023.

⁵ ĠU L 232, 20.9.2023.

⁶ COM(2023) 406, 3.7.2023.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2023 huwa li jaġġorna n-naħa tan-nefqa tal-baġit għall-finijiet li ġejjin:

- Biex jitnaqqsu l-approprijazzjonijiet tal-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) b'EUR 280 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u EUR 264 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament, minħabba d-dewmien akkumulat fl-implimentazzjoni tal-proġett, li mhux se jkun possibbli li jinqabad aktar tard din is-sena;
- Biex jitnaqqas il-livell ta' approprijazzjonijiet ta' pagament għall-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) għal ammont totali ta' EUR 3 biljun. Dawn l-ammonti ma setgħux jiġu inklużi fir-riallokazzjonijiet proposti fit- "Trasferiment globali" (DEC 13/2023) ippreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 2023;
- Biex jiġi aġġustat il-livell tan-nefqa amministrattiva, il-pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej fl-intestatura 7 u jżid il-livell ta' approprijazzjonijiet b'EUR 32,5 miljun bħala riżultat tar-reviżjoni tas-salarji, għadd ogħla ta' benefiċjarji tal-pensjonijiet, u prezzijiet għoljin kontinwi tal-enerġija;
- Biex is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikun jista' jirrekluta 20 espert nazzjonali sekondat mingħajr spejjeż għall-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) mingħajr impatt fuq il-livell ta' approprijazzjonijiet fl-2023;
- Biex tiġi aġġustata l-kontribuzzjoni tal-UE u l-għadd ta' karigi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) biex isahha is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà tiegħu;
- Biex tiġi aġġustata il-kontribut tal-UE lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex jitqiesu n-negożjati li għaddejjin bħalissa dwar il-proposta għal liġi dwar ir-restawr tan-natura;

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal tnaqqis ta' EUR 247,5 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 3 254,8 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

2. TNAQQIS TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-PROĠETT ITER

Il-proġett ITER esperjenza diffikultajiet dejjem akbar fl-implimentazzjoni tiegħu matul is-sena, b'mod partikolari minħabba ħtiġijiet essenzjali ta' tiswija f'xi partijiet. Il-proġett għaddej minn eżerċizzju sħiħ ta' bażi mill-ġdid li l-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill tal-ITER hija prevista f'Novembru 2024. Din is-sitwazzjoni twassal għal tnaqqis importanti tal-ħtiġijiet fl-2023 kemm fl-approprijazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'dawk ta' pagament. Konsegwentement, il-Kummissjoni tippromponi li tnaqqas il-livell ta' approprijazzjonijiet f'dan l-ABE b'EUR 280 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u EUR 264 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
01 04 01	Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni	-280 000 000	-264 000 000
Total		-280 000 000	-264 000 000

3. **HTIĠIJJET IMNAQQSA F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT**

It-“Trasferiment globali” huwa eżerċizzju annwali organizzat fi ħdan il-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba jirvedu sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni tal-pagamenti rispettiva tagħhom tal-baġit attwali sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiggarrantixxi l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'appropriazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. Talba ad hoc għal trasferiment skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju⁷ tiġi ppreżentata kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'riżultat ta' dan.

L-eżerċizzju ta' “Trasferiment globali” wera sottoimplimentazzjonxci ta' xi programmi ta' kważi EUR 4,6 biljun, li kienet parzjalment ibbilanċjata minn talbiet għal rinforzi ta' madwar EUR 1.6 biljun. Il-bilanċ li jifdal ta' EUR 3 biljun ma jistax jiġi assorbit fl-2023 u jeħtieġ li jitnaqqas biex jiġi evitat surplus fin-nefqa fl-aħħar tas-sena. Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament tal-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) kif ġej:

- DEP b'EUR 348,6 miljun
- FEŻR b'EUR 1 081,3 miljun
- FSE + b'EUR 650 miljun
- EAFRD b'EUR 685 miljun
- AMIF b'EUR 259 miljun

Id-DEP huwa programm ġdid. Għall-kuntrarju ta' programmi stabbiliti sew, id-DEP jimmira lejn benefiċjarji li huma ħafna inqas familjari mar-regoli ta' finanzjament tal-UE; li jwassal għal sottoabbonament parzjali, xi drabi wkoll minħabba s-sensittività ta' kwistjonijiet ta' ċibersigurtà u impenji mdewma mill-Istati Membri (50 % ta' koinvestimenti huma mistennija li jiġu mill-baġits nazzjonali). Barra minn hekk, il-kontrolli imposti b'mod partikolari mill-Artikolu 12 tar-Regolament dwar id-DEP⁸ dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni wrew li jieħdu ħafna ħin u xi drabi dewmu l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja u ta' xi fajls kbar tal-akkwist. Dan wassal għal bilanċi favorevoli f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

Fir-rigward tal-FEŻR u l-FSE +, it-tnaqqis ta' EUR 1,72 biljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament huwa spjegat mill-adozzjoni tardiva tal-programmi 2021–27, li għalihom ma ġie adottat l-ebda programm fl-ewwel sena tal-QFP. Il-biċċa l-kbira tal-adozzjonijiet (61 % tal-programmi) saru matul l-aħħar kwart tal-2022 u sitt programmi għad iridu jiġu adottati fl-2023.

Filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Membri qed jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom għall-perjodu 2014-20 (inkluż REACT-EU) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), dan id-dewmien fil-programmazzjoni qed ikollu impatt negattiv fuq il-pass tal-implimentazzjoni tal-perjodu 2021–27 u l-livell ta' pretensjonijiet mistennija li jaslu qabel tmiem l-2023. Id-dewmien huwa rifless ukoll fl-aħħar aġġornament tal-previżjonijiet tal-Istati Membri minn Lulju 2023, li kienu EUR 2,1 biljun (-41 %) inqas minn daww ippreżentati f'Jannar 2023. It-tnaqqis propost mill-Kummissjoni għalhekk iqis il-previżjoni tal-Istati Membri, il-livell tal-għażla tal-proġetti fuq il-post, ir-riżerva ta' nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji u s-sitwazzjoni attwali għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti għall-programmi kollha.

⁷ ĠU L 193, 30.7.2018.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240, ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1–34.

B'mod addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis ta' EUR 10,8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament għal-linja ta' tlestija dwar Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli. L-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva kienet aktar mgħagħla milli mistenni u fl-2022 il-baġit inizjali ta' EUR 31,8 miljun ġie msaħħaħ b'EUR 20,2 miljun permezz ta' trasferimenti interni tal-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet ta' pagament għall-2023 huma aktar baxxi minn daww inklużi b'mod inizjali fil-baġit tal-2023.

Fir-rigward tal-FAEŻR, il-Kummissjoni għamlet analiżi tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li rċeviet s'issa u tal-previżjonijiet l-aktar reċenti tal-Istati Membri ppreżentati sal-aħħar ta' Awwissu 2023. L-eżekuzzjoni tal-FAEŻR 2023–2027 hija aktar bil-mod milli mistenni u aktar baxxa minn dik indikata fil-previżjonijiet preċedenti tal-Istati Membri. Is-sottoimplimentazzjoni mistennija hija dovuta għal żewġ fatturi. L-ewwel nett, l-Istati Membri jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq il-massimizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-FAEŻR 2014–2022 biex jiġu evitati d-diżimpenji. It-tieni, l-Istati Membri jipprioritizzaw l-implimentazzjoni ta' proġetti appoġġati mill-NGEU. B'riżultat ta' dan, surplus nett aggregat ta' EUR 685 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament ma jistax jiġi implimentat din is-sena.

Għall-AMIF, il-ħtiġijiet ta' pagament ġenerali relatati mal-Assistenza ta' Emerġenza huma aktar baxxi minn dak stmat initalment. B'mod partikolari, għadd ta' fatturi ta' valur għoli għadhom qed jiġu analizzati u xi rekwiżiti ta' kundizzjonalità tal-pagamenti għadhom ma ġewx issodisfati għal ċerti proġetti. Sakemm jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' sostenn komplementari, il-pagamenti korrispondenti mbagħad jiġu posposti għall-2024. Barra minn hekk, se titwettaq approvazzjoni tal-kontijiet aktar baxxa minn dik prevista, u b'hekk jittardja pagamenti ulterjuri għall-2024.

It-tnaqqis dettaljat fl-appropriazzjonijiet ta' pagament mitluba f'dan l-ABE huwa stabbilit hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
02 04 01 11	Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà	0	- 65 653 251
02 04 02 10	Computing ta' prestazzjoni għolja	0	- 24 803 554
02 04 03	Intelliġenza artifiċjali	0	- 156 431 542
02 04 04	Ħiliet	0	- 49 440 166
02 04 05 01	Introduzzjoni	0	- 45 500 204
02 04 05 02	Introduzzjoni / Interoperabbiltà	0	- 6 731 567
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	- 1 070 000 000
05 02 99 03	Tlestija tal-FEŻR — Artikolu 25 — Artikolu 11 (qabel l-2021)	0	- 439 426
05 02 99 04	Tlestija tal-FEŻR — Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli (qabel l-2021)	0	- 10 830 465
07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali	0	- 650 000 000
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	0	- 685 000 000
10 02 99 01	Tlestija tal-azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni (qabel l-2021)	0	- 259 000 000
Total		0	-3 023 830 175

4. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

F'dan l-ABE 4/2023, il-Kummissjoni tipproponi aġġustamenti għall-intestatura 7 “Amministrazzjoni Pubblika Ewropea”, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt taż-żieda fl-aġġustament tas-salarji fuq in-nefqa amministrattiva: 2.7 % (jiġifieri aġġornament residwu ta' 1.0 % wara l-ewwel aġġornament ta' 1.7 % mill-1 ta' Jannar) minflok + 2.6 % li għandu jiġi applikat b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju

2023 kif użat fil-baġit tal-2023, għadd oġġla ta' benefiċjarji tal-pensjoni ġodda meta mqabbel mal-istimi meta ġie stabbilit il-baġit tal-2023, u l-impatt tal-prezzijiet għoljin kontinwi tal-enerġija.

Nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet

L-inflazzjoni għolja, il-prezzijiet għoljin kontinwi tal-enerġija u l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-impjegati taċ-ċivil fl-Istati Membri għandhom impatt kbir fuq in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet, kif ukoll fuq il-pensjonijiet u l-iskejjel Ewropej.

F'konformità mal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea hija aġġornata kull sena, fid-dawl ta' rapport ippreżentat mill-Kummissjoni, abbażi ta' data statistika mħejjija mill-Eurostat bi qbil mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, li jirriflettu s-sitwazzjoni fl-Istati Membri fl-1 ta' Lulju. Il-kalkolu tal-aġġornament huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' paralleliżmu bejn l-evoluzzjoni tar-remunerazzjoni reali (netta mill-inflazzjoni) tal-uffiċjali tal-UE u tal-impjegati nazzjonali taċ-ċivil tal-Istati Membri. Dan jirrifletti l-effett kombinat ta' żewġ varjabbli:

- L-evoluzzjoni annwali tas-salarji reali tal-impjegati taċ-ċivil fil-gvernijiet ċentrali ta' kampjun ta' 10-il Stat Membru li jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-PDG tal-Unjoni.
- L-inflazzjoni annwali fi Brussell u fil-Lussemburgu kkalkulata bil-ponderazzjoni tal-inflazzjoni nazzjonali tal-prezzijiet tal-konsumatur kif imkejla mill-HICP Belġjan u s-CPI Lussemburgiż skont id-distribuzzjoni tal-persunal tal-UE li jservi f'dawk l-Istati Membri.

Fil-baġit tal-2023, ir-rata ta' aġġornament tas-salarji prevista li għandha tiġi applikata b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2023 kienet ta' 2,6 % (impatt ta' 6 xhur). Din ir-rata ġiet ikkalkulata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Novembru 2022, abbażi tal-evoluzzjoni stmata tal-kapaċità tal-akkwist u l-għoli tal-ħajja għall-perjodu ta' referenza (1.7.2022 - 30.6.2023), skont il-metodu preskritt fir-Regolamenti tal-Persunal.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rapport tal-Eurostat għall-eżerċizzju attwali se jinħareġ fil-31 ta' Ottubru 2023, u se jistabbilixxi l-aġġustament tar-remunerazzjoni netta nominali tal-uffiċjali tal-UE fi Brussell u l-Lussemburgu b'effett minn Lulju 2023 sabiex jinżamm żvilupp parallel tal-kapaċità tal-akkwist mal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali fl-Istati Membri. Filwaqt li r-rapport tal-Kummissjoni⁹ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew se jiġi adottat f'Novembru, huwa xieraq li s-sitwazzjoni tiġi riveduta, u mingħajr preġudizzju għal dak ir-rapport finali, il-probabbiltà ta' aġġornament tas-salarji ogħla minn dak użat biex jiġi stabbilit il-baġit tal-2023 hija għolja. B'mod partikolari, l-indiċi konġunt tal-Belġju u tal-Lussemburgu (JBLI) għall-perjodu rilevanti huwa ferm ogħla milli kien previst oriġinarjament (4.6 %). Fl-istess ħin, huwa stmat li l-kapaċità tal-akkwist fl-għaxar Stati Membri ta' referenza se tonqos b' -1.8 %, u b'hekk twassal għal rata ta' aġġornament totali ta' 2.7 %.

Peress li ż-żmien tar-rapport huwa stabbilit b'mod ċar fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal fl-aħħar ta' Ottubru, ikun tard wisq biex jiġi propost formalment abbozz ta' baġit emendatorju wara li tiġi ffinalizzata r-rata. Madankollu, skont il-prinċipji baġitarji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u bbaġitjar realistiku, proposta biex jiżdedu l-appropriazzjonijiet baġitarji relatati mas-salarji u l-pensjonijiet hija ġustifikata.

⁹ L-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (RP) jobbligaw lill-Kummissjoni tipprovi data dwar l-impatt baġitarju tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni fid-dawl tal-aġġornament tal-2023 tar-remunerazzjoni u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-UE kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom.

Il-Kummissjoni ppruvat trażżan in-nefqa amministrattiva tagħha billi żżomm politika tal-persunal stabbli u stretta u billi tapplika kemm jista' jkun tnaqqis sostanzjali fin-nefqa mhux relatata mas-salarji, bħal fil-każ ta' laqgħat u kumitati. Għalhekk ma ntalbet l-ebda approprjazzjoni addizzjonali għall-Kummissjoni fir-rigward tar-rata ogħla ta' aġġornament tas-salarji.

Bl-istess mod, l-istituzzjonijiet l-oħra għamlu l-isforzi kollha possibbli biex ikopru ħtiġijiet addizzjonali permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti u billi pposponew l-investimenti mhux obligatorji. Madankollu, jeħtieġ li tissaħħaħ in-nefqa amministrattiva għall-Kumitat tar-Regġuni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna b'EUR 300 000 u EUR 1,8 miljun rispettivament. Għall-istituzzjonijiet l-oħra ma huwa meħtieġ l-ebda tisħiħ.

Minbarra l-elementi ta' hawn fuq, il-livell għoli kontinwu tal-prezzijiet tal-enerġija wassal għal nefqa addizzjonali sa tmiem l-2023, li se tintlaħaq kemm jista' jkun permezz ta' riallokazzjoni u trasferimenti. Madankollu, fil-każ tal-Kumitat tar-Regġuni, huwa meħtieġ tisħiħ ta' EUR 250 000 għan-nefqa tal-enerġija sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi kuntrattwali relatati kollha.

Il-pensjonijiet

Fir-rigward tan-nefqa tal-pensjonijiet, il-projezzjoni tal-ħtiġijiet sa tmiem l-2023 turi defiċit ta' EUR 49,1 miljun, minħabba diversi elementi li jwasslu għal żieda fin-nefqa prevista għall-pensjonijiet għall-2023:

- Nuqqas sinifikanti fl-appropriazzjonijiet għall-pensjonijiet tal-irtirar minħabba l-fatt li l-għadd ta' benefiċjarji tal-pensjoni fi tmiem l-2022 kien ogħla sal-238 milli stmat fil-baġit tal-2023; 39 % ta' din iż-żieda kienet relatata ma' benefiċjarji minn aġenziji deċentralizzati.
- Żieda ogħla probabbli simili tal-benefiċjarji tal-pensjoni matul l-2023 meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet użati fil-baġit tal-2023, minħabba li f'Settembru l-għadd ta' benefiċjarji addizzjonali tal-pensjoni tax-xjuħija minn Jannar 2023 huwa diġà qrib iż-żieda totali stmata għall-2023, filwaqt li l-għadd ta' benefiċjarji li jirċievu allokazzjoni tal-invalidità qabeż il-previżjoni b'aktar minn 50 %.
- L-impatt tal-bidla fl-aġġustament annwali għall-pensjonijiet deskritt hawn fuq, inklużi l-ħtiġijiet addizzjonali għal 6 xhur minħabba l-aġġornament intermedju tal-pensjonijiet ta' 1.7 % mill-1 ta' Jannar 2023.

L-elementi ta' hawn fuq iwasslu għal defiċit globali ta' EUR 61,1 miljun għan-nefqa fuq il-pensjonijiet. Parti minn dan id-defiċit huwa kkompensat minn surplus ta' madwar EUR 12 miljun li jirriżulta minn pagamenti aktar baxxi milli antiċipati relatati mal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni għall-pensjonanti. Il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni¹⁰ huma aġġustati fl-istess ħin mas-salarji u l-pensjonijiet biex tiġi żgurata l-parità tal-kapaċità tal-akkwist fl-Istati Membri kollha li fihom jirrisjedi l-persunal irtirat.

Barra minn hekk, qed jiġi propost li jiġu riallokati EUR 27,6 miljun mil-linji baġitarji għar-rimunerazzjoni tal-persunal peress li ż-żieda akbar tal-irtirar wasslet b'mod mekkaniku għal marġni ta' manuvra, li se jippermetti tali trasferiment ta' approprjazzjonijiet. B'mod ġenerali, it-talba netta għat-tisħiħ għalhekk tammonta għal EUR 21,5 miljun.

Skejjel Ewropej

¹⁰ Wara r-riforma tal-2004 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-koeffiċjenti korrettivi għall-persunal irtirat jiġu applikati biss għad-drittijiet tal-pensjoni miksuba qabel l-2004.

Qed jintalab tisħiħ ta' EUR 8,7 miljun għall-Iskejjel Ewropej biex ikopru l-impatt tal-ħtiġijiet addizzjonali għal 6 xhur minħabba l-aġġornament intermedju tas-salarji mill-1 ta' Jannar 2023 u l-prezzijiet għoljin kontinwi tal-enerġija.

Impatt ġenerali u dettaljat skont it-Taqsimiet

B'mod ġenerali, il-proposta hija li tizzied in-nefqa mhux differenzjata tal-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) b'EUR 32,5 miljun għall-2023. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 2,4 miljun għan-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet l-oħra, EUR 49,1 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha u EUR 8,7 miljun għall-Iskejjel Ewropej. Iż-żidiet huma kkompensati minn tnaqqis fin-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni għal EUR 27,6 miljun.

L-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

Ammonti f'EUR

	Baġit 2023 (inkl. ABs 1–2/2023 u ABE 3/2023)	Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2023	Baġit 2023
Pensjonijiet u Skejjel Ewropej	2 566 476 000	57 787 126	2 624 263 126
Il-pensjonijiet	2 341 995 000	49 100 000	2 391 095 000
Skejjel Ewropej (COM)	224 481 000	8 687 126	233 168 126
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8 746 725 376	-25 269 000	8 721 456 376
Il-Kummissjoni	4 059 678 702	-27 619 000	4 032 059 702
Istituzzjonijiet oħra	4 687 046 674	2 350 000	4 689 396 674
Il-Parlament Ewropew	2 247 134 550	0	2 247 134 550
Il-Kunsill	647 908 757	0	647 908 757
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	486 025 796	0	486 025 796
Il-Qorti tal-Awdituri	175 059 922	0	175 059 922
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	158 767 970	0	158 767 970
Il-Kumitat tar-Reġjuni	116 125 392	550 000	116 675 392
Ombudsman Ewropew	13 212 447	0	13 212 447
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	22 711 559	0	22 711 559
Is-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna	820 100 281	1 800 000	821 900 281
Total	11 313 201 376	32 518 126	11 345 719 502

L-impatt dettaljat imqassam skont is-Sezzjonijiet huwa kif ġej:

Taqsimi III — Il-Kummissjoni Ewropea

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	-27 619 000	-27 619 000
21 01 01	Pensjonijiet u allowances	49 100 000	49 100 000
21 02 01 01	Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)	1 062 919	1 062 919
21 02 01 02	Bruxelles I	688 850	688 850
21 02 01 03	Bruxelles II	2 533 248	2 533 248
21 02 01 04	Bruxelles III	163 514	163 514
21 02 01 05	Bruxelles IV	667 530	667 530
21 02 01 06	Lussemburgu I	1 591 725	1 591 725
21 02 01 07	Luxembourg II		
21 02 01 08	Mol	1 751 040	1 751 040
21 02 01 09	Frankfurt		
21 02 01 10	Karlsruhe	102 831	102 831
21 02 01 11	Schönefeld	21 967	21 967
21 02 01 12	Alicante	43 502	43 502

21 02 01 13	Varese	60 000	60 000
21 02 01 14	Bergen		
Total		30 168 126	30 168 126

Taqsimi VII - Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn	Approprijazzjoni jiet ta' pagament
1 2 0 0	Remunerazzjoni u allowances	300 000	300 000
2 0 2 4	Konsum ta' enerġija	250 000	250 000
Total		550 000	550 000

Taqsimi X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn	Approprijazzjoni jiet ta' pagament
3 0 0 0	Rimunerazzjoni u intitolamenti għall-persunal statutorju	1 800 000	1 800 000
Total		1 800 000	1 800 000

5. IS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA (SEAE)

Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tal-addendum għat-Termini ta' Referenza tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMS) u l-Organizzazzjoni ST 9762/17 tad-9 ta' Ġunju 2017, u f'konformità mal-iżvilupp tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-MPCC, is-SEAE jżid l-Esperti Nazzjonali Ssekondati Militari (SNEs) tiegħu fil-persunal tal-MPCC b' + 20 pożizzjonijiet (mingħajr spejjeż).

Din l-operazzjoni ser tkun newtrali għall-baġit, u kwalunkwe spiża ġenerali jew kwalunkwe spiża anċillari relatata ma' dawn l-ENS fl-2023 ser tiġi assorbita mill-baġit tas-SEAE.

6. L-UFFIĊĠJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)

Il-Kummissjoni qed tipproponi li żżid il-livell ta' approprijazzjonijiet għas-sigurtà tal-bini u tas-sistemi tal-IT tal-UPPE. Il-fajls kumplessi u sensitivi ġestiti mill-UPPE jeħtieġu tisħiħ tas-sigurtà tal-bini u tas-sistemi tal-IT tal-aġenzija li għalihom huma proposti li jiġu allokati tmien Aġenti Temporanji addizzjonali. Il-baġit tal-UPPE huwa għalhekk propost li jiżdied b'EUR 500 000 f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex ikopri n-nefqa fis-sena 2023 tas-salarji tal-persunal il-ġdid u meta jitqies li r-reklutaġġ se jibda biss lejn tmien l-2023. Biex jiġu koperti l-approprijazzjonijiet addizzjonali, ġie identifikat sors wieħed ta' riallokazzjoni fis-subintestatura 2b. Ammont ta' EUR 500 000 f'approprijazzjonijiet ta' impenn huwa għalhekk propost li jiġi rilaxxat mil-linja prerogattiva li tkopri n-nefqa relatata mas-sostenn ta' studji analitiċi fil-qasam tal-impjegi u l-affarijiet soċjali, u analiżijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u t-tibdil demografiku u l-familja.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn	Approprijazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
07 10 08	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO)	500 000	500 000
07 20 04 08	Analiżijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja	- 500 000	0
Total		0	500 000

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

7. AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA)

Il-proposta tal-Kummissjoni għal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura¹¹ kienet tinkludi kompiti ġodda għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li kienu mistennija jirrikjedu ammont ta' EUR 2 301 604 fl-2023, paċuti mill-programm LIFE. Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju, dan l-ammont iddaħħal fir-riżerva (it-titolu tal-“provvedimenti”). Fid-dawl tal-fatt li n-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura għadhom għaddejjin, il-Kummissjoni tipproponi li tirritorna l-allokazzjoni tal-2023 għall-programm LIFE kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	2 301 604	2 301 604
30 02 02	Appropriazzjonijiet differenzjati (<i>Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 02</i>)	- 2 301 604	- 2 301 604
Total		0	0

8. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE huwa tnaqqis ta' EUR 247,5 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 3 254,8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament taħt il-baġit tal-2023.

¹¹ COM(2022) 304, 22.06.2022.

9. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

	Baġit 2023 (inkl. ABs 1–3/2023)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2023		Baġit 2023 (inkl. ABs 1–3/2023 u ABE 4/2023)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 695 056 589	20 802 892 074	-280 000 000	-612 560 284	21 415 056 589	20 190 331 790
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	21 727 000 000				21 727 000 000	
<i>Marġini</i>	31 943 411		280 000 000		311 943 411	
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	70 586 704 063	58 058 661 399		-1 730 769 891	70 586 704 063	56 327 891 508
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	182 220 073				182 220 073	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
<i>Limitu</i>	70 137 000 000				70 137 000 000	
<i>Marġini</i>	12 516 010				12 516 010	
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	62 926 483 990	50 874 959 229		-1 731 269 891	62 926 483 990	49 143 689 338
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	62 939 000 000				62 939 000 000	
<i>Marġini</i>	12 516 010				12 516 010	
2b. Reżiljenza u l-valuri	7 660 220 073	7 183 702 170		500 000	7 660 220 073	7 184 202 170
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	182 220 073				182 220 073	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
<i>Limitu</i>	7 198 000 000				7 198 000 000	
<i>Marġini</i>						
3. Riżorsi naturali u Ambjent	57 218 143 225	57 432 545 265		-685 000 000	57 218 143 225	56 747 545 265
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	57 295 000 000				57 295 000 000	
<i>Marġini</i>	76 856 775				76 856 775	
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 692 211	40 698 181 356			40 692 211	40 698 181 356
<i>Sublimitu tal-FAEG</i>	41 518 000 000				41 518 000 000	
<i>Ittondjar tad-differenza eskluża għall-kalkolu tas-sottomarġni</i>	800 000				800 000	
<i>Trasferimenti netti bejn l-FAEG u l-FAEŻR</i>	-825 800 000				-825 800 000	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	40 693 000 000				40 693 000 000	
<i>Submargni tal-FAEG</i>	789 000				789 000	
4. Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri	3 727 311 518	3 038 380 252		-259 000 000	3 727 311 518	2 779 380 252
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	3 814 000 000				3 814 000 000	
<i>Marġini</i>	86 688 482				86 688 482	
5. Sigurtà u Difiża	2 116 636 829	1 137 374 612			2 116 636 829	1 137 374 612
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	170 636 829				170 636 829	
<i>Limitu</i>	1 946 000 000				1 946 000 000	
<i>Marġini</i>						

6.	Il-Viċinat u d-Dinja	17 211 879 478	13 994 937 845			17 211 879 478	13 994 937 845
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	882 879 478				882 879 478	
	<i>Limitu</i>	16 329 000 000				16 329 000 000	
	<i>Marġini</i>						
7.	Amministrazzjoni pubblika Ewropea	11 313 201 375	11 313 201 375	32 518 126	32 518 126	11 345 719 501	11 345 719 501
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
	<i>Limitu</i>	11 419 000 000				11 419 000 000	
	<i>Marġini</i>	105 798 625		-32 518 126		73 280 499	
	li minnhom: Nefqa tal-amministrattiva istituzzjonijiet	8 745 681 899	8 745 681 899	-25 269 000	-25 269 000	8 720 412 899	8 720 412 899
	<i>Sottolimitu</i>	8 772 000 000				8 772 000 000	
	<i>Sottomarġni</i>	26 318 101		25 269 000		51 587 101	
	Approprjazzjonijiet għal intestaturi	183 868 933 077	165 777 992 822	-247 481 874	-3 254 812 049	183 621 451 203	162 523 180 773
	<i>Limitu</i>	182 667 000 000	168 575 000 000			182 667 000 000	168 575 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	1 235 736 380	948 114 733			1 235 736 380	948 114 733
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
	<i>Marġini</i>	313 803 303	3 745 121 911	247 481 874	3 254 812 049	561 285 177	6 999 933 960
	Strumenti speċjali tematiċi	2 855 153 029	2 679 794 000			2 855 153 029	2 679 794 000
	Total tal-appropriazzjonijiet	186 724 086 106	168 457 786 822	-247 481 874	-3 254 812 049	186 476 604 232	165 202 974 773